MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Numru. 661/2012

**Pulizija**

**Spettur Bernard Spiteri**

**Vs**

**Angelle Xuereb.**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Angelle Xuereb ta' 26 sena, bint Anthony u Miriam nee' Scicluna, imwielda Pieta', fit-22 ta' Awwissu 1985, u residenti 157, Triq il-Belt, Valletta, Paola, numru tal-karta tal-identita' 426485M;

Talli nhar is-7 ta' Awwissu 2011, ghall-habta tas-2:30pm, fi Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara, waqt li kienet qed issuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni GOL 085 ta' ghamla Smart:

1) B'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, habtet ma' mutur bin-numru tar-registrazzjoni FAG 073 tal-ghamla Honda 70 u involontarjament ikkagunat il-mewt ta' Antonio Sammut;

2) U aktar talli involontarjament ikkagunat hsara fuq il-mutur tal-ghamla Honda 70 bin-numru tar-registrazzjoni FAG 073 u dan ghad-dannu ta' Antonio Sammut u / jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fis-7 ta' Awwissu, 2011, ghall-habta tas-2.30pm, l-imputata kienet qed issuq il-vettura taghha tat-tip Smart bin-numru GOL-085 fi Triq Salvu Psajla, B'Kara, gejja mid-direzzjoni ta' Santa Venera u hierga ghal go Triq Fleur de Lys. Hekk kif harget ghal din it-triq, hi habtet ma' mutur tat-tip Honda 70 bin-numru FAG-073

misjuq minn Antonio Sammut, li kien tiela' mill-wied ta' B'Kara fi Triq Fleur de Lys sejjer lejn id-direzzjoni tal-Hamrun. Bil-konsegwenza t'hekk, Sammut sofra griehi gravi u kien fil-periklu tal-mewt, tant hu hekk li jumejn wara, fid-9 ta' Awwissu, huwa miet l-Isptar b'effett tal-griehi li kien sofra. Saret inkjesta dwar dan l-incident, u l-provi kollha gew migbura fih. In konkluzjoni ta' dik l-istess inkjesta, gew istitwiti dawn il-proceduri kontra l-imputata u b'hekk bdiet din il-kawza.

Mill-provi prodotti ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti in generali. Hemm qbil dwar id-direzzjoni minn fejn kienu gejjin il-vetturi, dwar il-lok fejn gara l-incident, dwar l-impatt bejn iz-zewg vetturi u kif dan sehh. Li ma hemmx qbil dwaru hu d-dinamika tal-incident. L-imputata qalet meta giet mitkellma fl-inkjesta li hi waqfet fuq is-sinjal ta' "stop" li hemm fit-tarf ta' Triq Salvu Psajla, u ghalkemm rat il-mutur misjuq minn Sammut gej fid-direzzjoni taghha, hasbet li dan kien ser idur fuq il-lemin tieghu, ghax kellu bozza tal-"indicator" mixghula turi li kien ser jaghmel dik il-manuvra. Meta, izda, il-mutur baqa' gej dritt, sehhet il-habta. Sammut tilef hajtu qabel ma gie lura f'sensih, u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex il-verzjoni tieghu. Dan ifisser li necessarjament din il-Qorti trid tezamina l-provi kollha bir-reqqa biex tara jekk fil-fatt id-dinamika tal-incident kienx kif qed tghid l-imputata, jew kienx mod iehor.

Il-Prosekuzzjoni pproduciet diversi provi in sostenn tal-imputazzjonijiet, fost l-aktar provi importanti hemm zgur l-istess *proces verbal* u l-konkluzjonijiet hemm milhuqa. Bhala esperti jassistu fl-inkjesta kienu gew nominati l-Avukat Dottor Richard Sladden, l-Avukat Dottor Stephen Farrugia Sacco, il-Perit Richard Aquilina, l-espert mekkaniku Joseph Zammit, is-surgent PS 46 Charlot Casha, u sussegwentement it-tabib Dottor Mario Scerri u l-Professuri Marie Therese Camilleri u Ali Safraz.

Fil-konkluzjonijiet tal-*proces verbal*, l-inkwerenti kien ikkonkluda hekk:

> "Fuq rapport verbali maghmul mill-Ispettur tal-Pulizija Bernard Charles Spiteri nhar is-7 ta' Awissu, 2011, liema rapport gie konfermat permezz ta' rapport bil-miktub ipprezentat fir-registru ta' din il- Qorti nhar is-7 ta' Awissu, 2011, u rapport addizjonali bil-miktub ippresentat fir-registru ta' din il-Qorti

nhar l-24 ta’ Awissu 2011, talli fis-7 ta’ Awissu, 2011, ghall-habta ta’ 02.30 ta’ wara nofsinhar il-Pulizija mill-Ghassa ta’ Birkirkara kienu nfurmati permezz ta’ telefonata minn Command and Control Room tal-Pulizija, li kien ghadu kif sehh incident stradali bejn mutur u vettura fi Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara, biswit bar li jismu ‘Butterfly Bar. Il-Pulizija tad-distrett marru minnufih fuq il-post, fejn huma sabu vettura tal-ghamla Smart bin-numru ta’ registrazzjoni GOL 085 u mutur tal-ghamla Honda 70, bin-numru tar-registrazzjoni FAG 073.

Minn l-ewwel stharrig rizulta li l-vettura kienet misjuqa minn certa Angelle Xuereb, detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 426485(M), filwaqt li vettura kienet misjuqa minn certu Antonio Sammut, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 601528(M). Fuq il-post gie stabbilit li x-xufier tal-mutur kien diga tiehed l-isptar qabel ma’ waslu l-pulizija permezz tal-ambulanza. Fuq il-post fejn il-mutur giet notata roqgha zghira ta’ demm, filwaqt li ftit il-boghod mill-mutur kien hemm is-sandli tax-xuffier. Minn aktar stharrig li sar fuq il-post, gie notat li l-mutur kellu l-indicator tan-naha tal-lemin mixghul, fejn kemm fuq il-vettura u anke fuq il-mutur gew notati diversi hsarat.

Meta il-pulizija kellmet lis-sewwieqa tal-vettura Smart, hija qalet li kienet gejja minn Triq Salvu Psaila, Birkirkara fejn meta kienet ser taqsam ghal faccata fejn l-ATM tal-BOV, notat mutur li kien gej minn naha ta’ Valley Road. Hija ziedet tghid li dan il-mutur kellu l-indicator tan-naha tal-lemin mixghul, fejn is-sewwieq beda qisu bhal inaqqas il-velocita tal-mutur. Skond is-sewwieqa tal-Smart, x’hin hija rat hekk hi hasbet li dan ghamel il-mossa, sabiex ihalliha tghaddi u hekk regghet marret biex taqla’, is-sewwieq tal-mutur rega’ zied il-gas, bil-konsegwenza li dan il-mutur habat ghal gol-vettura. Sfortunatament il-

verzjoni tas-sewwieq tal-mutur ma’ setghetx tigi mehudha ghax kien mitluf minn sensih. Fuq il-post lanqas ma’ kien hemm xi persuni li segwew l-incident, izda l-pulizija elevat filmati tas-sistemi tas-sigurta li hemm mwahhla mal-Bank HSBC u ufficju ta’ polza t’assikurazzjoni li hemm fil-vicinanzi fejn sehh l-incident.

Aktar tard mal-gurnata, l-pulizija kienu nfurmati minn Dr. Agnes Cachia Pickard M.D. mill-isptar Mater Dei, li s-sewwieq tal-mutur kien jinsab fil-periklu tal-mewt. Meta il-pulizija nfurmaw lill-ulied il-vittma bl-akkadut, huma nfurmaw lil pulizija li missierhom minkejja l-eta ta’ 82 sena kien ghadu jsuq il-mutur b’mod regolari. Huma stqarrew li dak il-hin tal-incident huwa kien sejjer kif jaghmel dejjem fejn il-mara tieghu u cioe ommhom, li tinsab rikoverata San Vincenz, Hal Luqa.

Fid-9 ta’ Awissu 2011 ghall-habta ta’ 5.30 ta’ filghodu, l-pulizija mill-ghassa ta’ Birkirkara gew infurmati mill-isptar Mater Dei, illi Antonio Sammut, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 601528(M) ta’ 82 sena u li joqghod Birkirkara, kien miet ghall-habta ta’ 4 ta’ filghodu. L-imsemmi Antonio Sammut kien qieghed jinzamm l-isptar ghall-kura wara li nhar 7 ta’ Awissu 2011, wara li dakinhar stess kien nvolut f’incident ta’ traffiku waqt li kien qieghed isuq il-mutur tieghu fi Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara.

Il-Magistrat inkwirenti ordna li jsir access mill-imsemmi Spettur u hatar biex jghinuh lil Espert Legali Dr Richard Sladden, il-Perit Tekniku Perit Richard Aquilina, l-Espert Mekkaniku Joseph Zammit, l-Espert Tekniku Dr Steven Farrugia Sacco, i*s-Scene of Crime Officer* PS 46 Charlot Casha,

l-Ispecjalista fil-Medicina Forensika Tabib Dr Mario Scerri u l-Espert Medico Legali Dr S. Ali.

Illi fl-1 ta' Settembru 2011, l-Espert Tekniku Dr Steven Farrugia Sacco pprezenta r-relazzjoni tieghu mmarkata Dok SFS.

Illi fis-6 ta' Settembru 2011, il-Perit Tekniku Perit Richard Aquilina pprezenta r-relazzjoni tieghu mmarkata Dok RA.

Illi fis-26 ta' Settembru 2011, l-Espert Legali Dr Richard Sladden pprezenta r-relazzjoni tieghu mmarkata Dok RS.

Illi fit-12 ta' Ottubru 2011, l-Espert Mekkaniku Joseph Zammit pprezenta r-relazzjoni tieghu mmarkata Dok JZ.

Illi fl-1 ta' Dicembru 2011, l-Espert Medico Legali Dr S. Ali pprezenta r-relazzjoni tieghu mmarkata Dok SA.

Illi fl-1 ta' Frar 2012, l-Ispecjalista fil-Medicina Forensika Tabib Dr Mario Scerri pprezenta r-relazzjoni tieghu mmarkata Dok MS.

Illi fis-16 ta' Frar 2012, i*s-Scene of Crime Officer* PS 46 Charlot Casha pprezenta r-relazzjoni tieghu mmarkata Dok CC.

Illi fit-30 ta' Marzu 2012, il-Perit Tekniku Perit Richard Aquilina pprezenta r-relazzjoni addizzjonali tieghu mmarkata Dok RA1.

Illi fil-kors ta' din l-inkjesta tat d-depozizzjoni taghha, quddiem l-Espert Legali Dr Richard Sladden, Angelle Xuereb.

Illi Dr Richard Sladden pprezenta s-segwenti konkluzjonijiet:

*L-inkwirenti jaghmel referenza ghax-xhieda tas-Sinjorina Angelle Xuereb, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 426485(M) li kienet is-sewwieqa tal-vettura 'Smart' ta' kulur iswed tat-tip 'Four Pulse' bin-numru tar-registrazzjoni GOL 085, li fix-xhieda taghha kienet dettaljata u cara bl-ahhar movimenti qabel sehh l-incident awtomobilistiku:*

*" … Kif ghaddew il-vetturi u kont ghadni fuq l'stop sign', rajt mutur ta' kulur abjad gej bil-mod u kien ftit 'il boghod.*

*Kif wasal hdejn l-arblu kien fuq is-'side' tieghu gej minn naha tal-kazin tal-Labour, hu isslowja u kellu r-'right indicator' mixghul.*

*Billi naqqas hsibt li cedieli u hsibt li diehel lejn il-venda.*

*Jien ukoll kont sejra lejn il-venda hdejn l-Istazzjon u billi hu naqqas mhux hazin, jien hrigt bil-mod ghax hsibtu cedieli.*

*Il-mutur baqa' tiela dritt ghalkemm kellu l-'indicator' tal-lemin mixghul fid-direzzjoni ta' Triq Fleur-De-Lys.*

*Jien ibbrejkjajt bil-mod u l-mutur dahal fuq quddiem tieghi man-naha tax-xellug tieghi.*

*Ir-ragel tal-mutur kellu 'crash helmet'.*

*Ir-ragel ma laqatx il-vettura izda l-mutur laqat il-vettura tieghi.*

*Rajt id-demm hiereg mis-saqajn tar-ragel.*

*X'hin qlajt kont qed insuq bil-mod u lhaqt hrigt 4 metri mill-'stop sign' …"*

*Minn din ix-xhieda jirrizulta li s-sewwieqa tal-vettura 'Smart' hadet il-prekawzjonijiet kollha u cioe' waqfet fuq l-'stop sign', fil-fatt hija xehdet u tghid illi l-mutur kellu l-'indicator' tal-lemin mixghul u dan gia' anki ikkonstat waqt l-access fejn kien ghadu mixghul u dan l-'indicator' jindika li huwa ta indikazzjoni li kien ser jidhol lejn il-venda fejn l-Istazzjon jew inkella sejjer u jidhol fi Triq Qormi, f'Birkirkara li hi t-triq fejn riedet tmur is-sewwieqa ta' l-'Smart'.*

*L-inkwirenti jirrileva li l-mutur kien diga' ghamel manuvra u kien diga' qieghed fuq in-naha tal-lemin tat-triq anzi fin-nofs tat-triq u jxaqleb lejn il-karreggjata opposta u cioe' ta' vetturi li gejjin minn naha ta' Santa Venera lejn il-kazin tal-Partit Laburista f'Birkirkara.*

*Ghalhekk ghamel hazin is-sewwieq tal-mutur li kellu l-'indicator' tal-lemin mixghul meta huwa baqa' sejjer dritt u cioe' kontra lejn Triq Fleur-De-Lys.*

*L-inkwirenti jirrileva li mill-arblu msemmi fix-xhieda tas-sewwieqa ta' l-'Smart' ghalfejn sar l-incident hemm diversi metri distanza.*

*Fattur determinanti hija x-xhieda tas-Sinjorina Angelle Xuereb meta qalet hekk:*

*" … Minn hdejn l-arblu sakemm hbatna, zied l-'speed' ghax hu kien naqqas l-'speed' meta wasal sa' hdejn l-arblu li hemm fin-nofs u fit-tarf tal-venda.*

*Nikkoregi ruhi fejn ighidt qabel u cioe' li meta l-mutur wasal hdejn l-arblu, kien diga' hareg mill-'lane' tieghu u skorra nofs it-triq u kien diga' 'wrong side' biex jaqsam u jidhol fejn l-Istazzjon.*

*Imbaghad f'daqqa wahda zied l-'speed' u tela' dritt 'wrong side' …"*

*Minn dak li setgha jikkonkludi l-inkwirenti jidher illi s-sewwieq tal-mutur ta messaggi konfligenti fis-sens illi kellu l-'indicator' mixghul fuq in-naha tal-lemin, naqqas l-'speed' hekk kif kien tiela lejn fejn sehh l-incident awtomobilistiku u imbaghad fl-ahhar qabel ma sehh l-incident awtomobilistiku zied l-'speed' u baqa' tielgha dritt fi Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara.*

*Minn naha l-ohra l-inkwirenti ma sab ebda raguni ta' xi traskuragni da parti tas-sewwieqa Angelle Xuereb, fis-sens illi kienet ghadha kemm harget mill-'stop sign', bi ftit metri ftit 'il*

*boghod, u parti zghira tal-vettura li kienet qeghda fin-nofs tal-karreggjata fi Triq Fleur-De-Lys, f'Birkirkara.*

*Filwaqt li l-mod ta' kif qeghdin il-'cross roads' fis-sit fejn gara l-incident ma jghinx lis-sewwieqa li jridu jistennew messaggi minghand xulxin biex wiehed jimmanuvra, dan ghaliex ma jezistux 'traffic lights' fil-'cross roads' in kwistjoni.*

*Fic-cirkostanzi l-ohra u cioe' il-mod ta' kif kienet qed issuq is-sewwieqa Angelle Xuereb ma jindikawx illi hija ma haditx il-prekawzjonijiet li sewwieq ghandu jiehu meta jkun qed isuq.*

*L-inkwirenti jaghmel referenza wkoll ghall-konkluzjonijiet tal-esperti l-ohra mahtura minn dina l-Onorabbli Qorti u cioe' tal-Perit Richard Aquilina u tas-Sur Joe Zammit.*

*Daqstant fic-cirkostanzi l-inkwirenti hu tal-fehma li dan l-incident awtomobilistiku sehh minhabba messaggi konflingenti bejn l-'indicator' li kien qed juri lejn il-lemin u l-mod ta' kif imbaghad instab il-mutur, kien il-kawza principali ghaliex sehh dan l-incident awtomobilistiku.*

Maghmula dawn il-konstatazzjonijiet il-Magistrat Inkwirenti jirredigi l-prezenti process verbal, jghaqqad mieghu r-rapporti tal-Ispettur Bernard Charles Spiteri, ir-relazzjonijiet ta' l-esperti nominati, u l-atti l-ohra kollha pprezentati quddiemu, u jaghmel tieghu l-konkluzzjonijiet raggunti mill-esperti nominati kollha salv tal-Espert Legali Dr Richard Sladden dwar ir-responsabilita' tal-incident.

Il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjonijiet raggunti mill-Espert Legali Dr Richard Sladden peress illi jidher li ma hax konjizzjoni tal-prova visiva li hemm fis-DVD esebit bhala Dok C li fih hemm il-filmati mehudin minn fuq is-CCTV cameras tal-ufficji tal-Atlas Insurance li jinsabu fil-vicinanzi ta' fejn sehh l-incident u li gie ppresentat mar-rapport tal-Espert Tekniku Dr Steven Farrugia Sacco, li huwa l-aktar prova cara u veritiera li turi kif attwalment sehh l-incident. Jidher illi l-Espert Legali bbaza l-konkluzjonijiet tieghu **biss** fuq dak li qaltlu l-persuna li tajret lil mejjet ossia s-Sinjorina Angelle

Xuereb u r-rapporti teknici tal-Perit Richard Aquilina u tas-Sur Joe Zammit.

Fit-tielet filmat (minn 14:44:44 sa 14:44:53) jidher kif attwalment sehh l-incident u jidher li Antonio Sammut, is-sewwieq tal-mutur FAG 073, li kien tiela' dritt fi Triq Fleur-De-Lys, li hija triq principali, qatt ma sslowja jew zied l-ispeed jew hareg mill-lane tieghu jew skorra in-nofs tat-triq lejn in-naha l-ohra u ghalhekk qatt ma kien wrong side, kif allegat Angelle Xuereb, izda baqa' sejjer dritt fuq il-lane tieghu, li fiha huwa kellu d-dritta skond ir-regolamenti tat-traffiku, dejjem bl-istess speed.

Mill-filmat jidher ukoll li Angelle Xuereb, is-sewwieqa tal-vettura Smart GOL 085, ma waqfitx fuq l-istop sign, izda baqat hierga l-barra minn triq sekondarja ghal fuq triq principali, bi speed li jindika li ma jistax ikun, kif allegat hi, li hi kienet wieqfa fuq l-istop sign u harget bil-mod. Il-filmat juri bic-car li Angelle Xuereb baqat hierga dritt lejn il-venda hdejn l-Istazzjon u ma jidher li ghamlet ebda tentattiv sabiex tibbrejkja qabel ma laqtet il-mutur.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti hija tal-fehma li dan l-incident awtomobilistiku sehh unikament minhabba n-nuqqas ta' prekawzjonijiet illi Angelle Xuereb kellha tiehu qabel ma tidhol fuq triq principali. L-obbligu li tieqaf fuq stop sign ma jigix osservat biss b'waqfien momentarju u fuggitiv imma bil-waqfien duratur ghal kemm ikun hemm bzonn sakemm traffiku li jkun ghaddej fuq it-triq principali miz-zewg nahat jilhaq jghaddi. Jigifieri jekk Angelle Xuereb kienet rat il-mutur fi Fleur-De-Lys Road gej min-naha ta' Valley Road kellha tistennih jghaddi. Anke jekk stess kien hemm xi kontributorjeta' da parti ta' Antonio Sammut, dan xorta ma jezonerax lis-sewwieqa minn kull responsabbilita' peress li, kif gie ritenut mill-Qrati taghna, "…in-negligenza kontributorja ma tezonerx lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru…" (Il-Pulizija v. Raymond Grima 07/03/12 App. Krim Nru. 344/11DS).

> Il-Qorti ghalhekk, filwaqt li jheggeg lill-ufficjal investigattiv biex ikompli bl-investigazzjoni f'dan il-kaz, jordna li dan l-inkartament jintbaghat lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi."

It-tabib Scerri kien ikkonkluda s-segwenti:

"Illi minn noti klinici jirrizulta li Anthony Sammut allegatament intlaqat minn vettura waqt li hu kien qieghed isuq il- mutur tieghu u dan gie trasferit immedjatament l-isptar Mater Dei.

Illi meta n- nurse ezaminatu fuq il- locus dan kien mitluf minn sensieh ma kinx qieghed jiehu nifs imma kellu pulse u ftit wara waqt li dan kien fl-ambulanza dan zviluppa asystole, saret resuscitaion u din tkompliet fid- dipartiment tal-emergenza tal-isptar Mater Dei;

Illi wara ftit tal- hin, Sammut kellu spontaneous pulse, gie ntubat u trasferit fit-taqsima tal- kura ntensiva tal- isptar Mater Dei;

Illi l- esponent ra s- Ct Scan li ttiehed lil Sammut meta dan iddahhal l- isptar Mater Dei;

Illi kien hemm evidenza ta' multi focal intracranial haemhorrhages zghar specjalment fil- junction ta' bejn il- grey u l- white matter fil- frontal lobe tax-xellug u fit- temporal lobe tal- lemin. Kien hemm ukoll focil simili fis- Sylvian fissure tan-naha tal-lemin u fl- occiptal horn tal- lateral ventricle tax- xellug;

Illi kien hemm evidenza ta' fratturi ta' odontoid processes ta' C1 u C2;

Illi kien hemm ukoll evidenza ta' contusion fuq in-naha tax- xellug tal- pulmun b' evidenza ta' haemothorax zghir;

Illi kien hemm ukoll evidenza ta' frattura tal-femur tax- xellug li kienet fi traction;

Illi kien hemm ukoll lacerazzjoni fuq l- aspett medjali tal- ghaksa x- xellugija;

Illi kien hemm ukoll lacerazzjoni fuq l- aspett laterali tal-ghaksa l- leminija;

Illi kien hemm ukoll lacerazzjoni fuq l-irkoppa x-xellugija;

Illi l-kundizzjoni ta' Sammut meta dan iddahhal l- isptar Mater Dei kienet wahda kritika;

Illi l- kundizzjoni tieghu baqghet kritika, sa kemm eventwalment dan miet fit-taqsima tal- kura ntensiva tal-isptar Mater Dei nhar id- 9 ta' Awwissu 2011 fl-4.00pm;

Illi l- esponent attenda ghall- awtopsja li saret fuq il- katavru fil-kamra mortwarja tal- isptar Mater Dei;

Illi l- esponent jiddikjar li r- ritratti f' din ir- relazzjoni gew mehudin mill-esponent stess permezz ta' digital camera.

Wara li l- esponent acceda fil- kamra mortwarja tal-isptar Mater Dei fejn hemm huwa ezamina l- katavru t' Anthony Sammut;

Illi wara li ra n- noti klinici ta' Sammut jikkonkludi:

Illi nhar is- 7 ta' awwissu 2011, Anthony Sammut kien fi Fleur De Lys, Birkikara, fuq il- mutur tieghu meta allegatament intlaqat minn karozza;

Illi dan gie trasferi immedjatament l-isptar Mater Dei;

Illi n- nurse li attendietu fuq il-locus osservat li dan kien mitluf minn sensih u fl-ambulanza dan dahal f' asystole;

Illi sar CPR immedjamtanet, li tkompla fid- dipartiment tal-emergenza tal-isptar Mater Dei u Sammut irrisponda ghar- resuscitation;

Illi l- elzjonijiet deskritti fid- dettall aktar 'l fuq huma kollha lezjonijiet ta' natura gravi u kompatibbli m' impatt;

Illi l- partial thickness burns huma kompatibbli ma' friction burns;

Illi l- kundizzjonijiet ta' Sammut kienet kritika, baqghet hazina u eventwalment dan miet fit- taqsima tal- kura ntensiva tal-isptar Mater Dei jumejn wara li gie ammess;

Illi l- lezjonijiet deskritti aktar 'l fuq huma lezjonijiet kompatibbli ma' blunt trauma;

Illi ma kinx hemm lezjonijiet li deheru suspettuzi jew estranji ghall- incident;

Illi mill- istudju tan- noti klinici jidher li Anthony Sammut irceva kura tajba fl-isptar Mater Dei u ma kinx hemm evidenza ta' traskuragni, mismanagement jew negligenza da parti tat- team mediku tal- isptar Mater Dei.

Il-patologisti kienu rriskontraw is-segwenti feriti fl-awtopsja tal-kadavru ta' Sammut:

Skeletal System

“X-rays show generalised osteoporosis in the thoracic and lumbar spine. There are fractures of the 3rd and 4th ribs on the right side and of the 2nd to the 7th ribs on the left side. There are probably caused by CPR. The strenum is fractured at the level of the 4th to the 6th ribs. The vertebral column is fractured at the level of T9- T10. There is a fracture of the odontoid process and there is also a fracture of the anterior arch of C1. The pelvis appears to be intact. There is a fracture of the lower end of the left femur.”

Conclusion

“The death of this elderly male is certified as being due to fracture of the cervical spine following a motor vehicle accident.”

Dawn il-griehi huma perfettament kompatibbli ma’ impatt ma’ vettura kif fil-fatt sofra Sammut.

Il-kumplament tal-provi preservati fl-atti tal-inkjesta huma filmati u ritratti mehuda mill-istess filmati, li kienu ngabru mill-espert tekniku Dr Farrugia Sacco li eleva filmat tal-incident mehud minn CCTV camera sitwata fl-ufficcju ta’ Atlas Insurance Agency ltd fl-istess triq. Hemm ukoll ritratti ohra esebiti mar-rapport tal-espert mekkaniku Joseph Zammit, u ritratti ohra esebiti mar-rapport tas-surgent Casha. Dawn ir-ritratti kollha jikkorroboraw lil xulxin, u jaghtu stampa cara ta’ kif sehh l-incident. Inoltre, flimkien mar-ritratti u l-filmat, hemm ukoll ir-rapport tal-Perit Aquilina li ukoll jaghti stampa cara tal-lokalita’ fejn sehh l-incident, bl-indikazzjonijiet kollha necessarji biex din il-Qorti tifhem ahjar id-dinamika tal-istess incident. Ta’ importanza huma l-pozizzjoni fejn spicca z-zarbun ta’ Sammut wara l-incident, kif ukoll fejn hemm roqgha zghira demm u kemm din hi ‘l boghod mill-“ispot of impact”.

Fil-fehma tal-Qorti, in vista li kien hemm biss il-verzjoni moghtija mill-imputata dwar l-incident innifsu, l-aktar prova cara kien fil-fatt il-filmat tal-incident. Minn dan il-filmat l-impatt bejn il-vetturi jidher car, tant li fil-fehma tal-Qorti l-imputata hija unikament responsabbli ghall-incident kollu. Huwa minnu li l-vittma kellu l-“indicator” mixghul jaghmel sinjal li ser idur ghal fuq il-lemin

tieghu ghal gol-venda fejn il-BOV. Ta’ l-anqas, hekk jidher, ghax wara li sehh l-impatt, l-“indicator” kien ghadu mixghul u ntefa mis-surgent li marret l-ewwel fuq il-post. Madankollu, izda, bil-mod kif kien qed isuq Sammut, ma hemmx dubju li hu kien miexi dritt fit-triq tieghu, li hija triq ewlenija u ghalhekk hu kellu d-dritta. L-imputata, min-naha taghha, kellha biz-zejjed hin biex tara l-mutur gej, u setghet facilment tevita l-impatt mieghu, izda l-Qorti ghandha d-dubji serjissimi kemm fil-fatt hi rat il-mutur gej fid-direzzjoni taghha, ghax il-vettura baqghet hierga minn Triq Salvu Psaila minghajr ma waqfet jew naqset mill-velocita’. Dan qed jinghad fid-dawl tal-ezami tal-filmat kollu, li juri sew l-incident in kwistjoni, kif ukoll l-andament tat-traffiku ghal tul ta’ hin qabel l-incident. Jidher car li kull vettura li harget minn Triq Psajla naqqset il-velocita’ taghha sabiex tohrog ghal go Triq Fleur de Lys. Din hija manuvra semplici u li ghandha ssir bi prudenza. Il-mod kif inhi t-triq hemmhekk tippermetti vizwali tajba hafna ghal min hiereg minn Triq Psajla. L-uniku parti li hija ftit mghottija hija dik fuq ix-xellug, jigifieri min hiereg minn Triq Psajla jrid joqghod attent ghat-traffiku niezel minn Fleur de Lys gej mix-xellug tieghu. Sammut kien gej mil-lemin ta’ Xuereb, u hi kellha l-hin kollu tarah tiela’ mill-wied gej ghal fuqha, izda ghal xi raguni inspjegabbli hi baqghet hierga ghal fuq it-triq tieghu, u ghalkemm hadd minnhom ma kien qed isuq b’velocita’ eccessiva, l-impatt li sehh bejn il-vetturi kien wiehed konsidervoli, tant li Sammut imbaram minn fuq il-mutur u spicca madwar zewg metri ‘l boghod mill-“point of impact”. Il-Qorti assolutament ma taqbilx mal-verzjoni tal-imputata, li hi waqfet fuq l-“istop sign” li kienet xi ftit metri ‘l gewwa minn fejn sehh l-incident, u li harget bil-mod ghal fuq it-triq principali. Il-filmat juri bic-car li Xuereb ma waqfitx, la fuq l-“istop sign” u l-anqas qabel ma harget ghal go Fleur de Lys. L-anqas naqqset mill-velocita’ taghha. Hi waqfet biss wara li nhasdet wara li sehh l-impatt.

Minn dan kollu l-Qorti ma tara l-ebda negligenza kontributorja min-naha tal-vittma. Anke li kieku, ghas-sahha tal-argument, hu kellu l-“indicator” mixghul ghal fuq il-lemin tieghu, aktar kien imissha waqqfet il-vettura taghha u cedietlu biex idur quddiemha. Il-verzjoni li tat Xuereb tant hi inverosimili li ma tistax titwemmen, aktar u aktar meta l-filmat juri l-oppost. L-imputata kellha taghmel il-manuvra li ghamlet b’hafna aktar attenzjoni, u kellha biz-zejjed hin biex taghmel manuvri ohra u tevita l-impatt. Hi baqghet hierga ghal fuq it-triq pricipali, dahlet fit-triq li kienet ta’ Sammut, holqot hi l-emergenza ghal Sammut li, minghajr ma kellu hin jirreagixxi, safa mtajjar minnha, bil-konsegwenza li sofra l-griehi li kellu u li minhabba fihom tilef hajtu jumejn wara. Il-griehi li gew konstatati mit-tobba huma kollha kompatibbli mat-tip ta’ impatt li sehh bejn iz-zewg vetturi. Il-brix u tbengil li kellu Sammut jindikaw li

hu intlaqat mill-vettura fuq in-naha tax-xellug ta’ gismu, u l-ksur li kellu f’ghonqu huwa kompatibbli mal-mod kif imbaram mill-vettura tal-imputata u spicca mtajjar ghal mal-art.

Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-imputata kienet unikament responsabbli ghal dan l-incident, u ghalkemm tapprezza li ma kien hemm ebda sewqan b’ velocita’ eccessiva, la min-naha taghha u l-anqas min-naha tal-vittma, dan l-icident seta’ gie evitat facilment bi ftit aktar prudenza u ghaqal fis-sewqan min-naha taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 533, 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

L-Artikoli 15 (1)(a), 15(2), 15(3) u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ir-Regolament 127I1) ta’ Legislazzjoni Sussidjarja 65.11;

U l-Artikolu 328 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw kif ukoll rat u ezaminat in-nota ta’ sottomissjonijiet intavolata miz-zewg partijiet;

Issib lill-imputata Angelle Xuereb hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontriha, u ghaldaqstant tikkundannaha ghall-piena ta’ sena prigunerija sospizi ghal tlitt snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputata ghal zmien sena.

Tordna wkoll lill-imputata thallas l-ispejjez tal-*proces verbal* ammontanti ghal €2,287.87, ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------